MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-9 ta' April, 2010

Appell Civili Numru. 20/2004/1

**Martin Degabriele**

**vs**

**Middlesea Insurance plc u b’digriet tat-tlettax (13) ta’ Mejju 2004 giet kjamata in kawza s-socjeta` Hayes Insurance Agency Limited**

**Il-Qorti,**

Fid-19 ta’ Jannar, 2010, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**Il-Qorti:-
>
> Rat l-avviz tal-attur ipprezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar t-tlettax (13) ta’ Jannar 2004 fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna lis-socjeta konvenuta thallas d-danni kagunati fuq il-vettura proprjeta tal-attur targata IMY 285 kif wkoll thallas

d-danni (*loss of use*) li sofra l-attur in konnessjoni mat-tlett (3) vetturi proprjeta tieghu IMY 285, IMY 272 u HMY 165 minhabba incidenti awtomobilistici li sehhew fi tlett incidenti separati u cioe nhar s-sebgha (7) ta' Frar 2002, nhar t-tlieta (3) t'April 2002 u nhar s-sittax (16) ta' Mejju 2002 rispettivament u dan a bazi ta' polza t'assikurazzjoni li l-attur kellu mas-socjeta assikurattiva konvenuta.

Bl-ispejjez u bl-imghaxx u rapprezentanti u d-diretturi tas-socjeta assikurattiva konvenuta minn issa ngunti 'n subizzjoni.

L-attur ghal kull bon fini jiddikjara li d-danni ma jaqbzux s-somma ta' tlett elef u hames mitt lira maltin (LM3500).

Rat n-nota t'eccezzjonijiet tal-kumpanija Middlesea Insurance plc (C-5553) ppresentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar t-tlieta (3) ta' Marzu 2004 (fol. 6 et seq) fejn eccepiet li:

"1.Fl-ewwel lok, ghal kull boun fini, l-isem tal-kumpanija konvenuta huwa Middlesea Insurance plc u mhux Middle Sea Insurance plc kif erronjament indkat fl-avviz.

2. Illi l-indenizz ghad-'danni kkagunati fuq il-vetturi' msemmija fl-avviz minhabba l-incidenti awtomobilistici msemmija fl-istess avviz li qed jirreklama l-attur permezz tal-avviz, thallsu mill-kumpanija assikurattrici konvenuta skond l-poloz t'assikurazzjoni numri 0032231513100, 0032251513100 u 0032241513100 kif jirrizulta mid-dokumenti hawn esibiti bhala Dok. MS I sa Dok. MS 8 w ghalhekk t-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-attur.

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, jekk t-talba attrici tigi korretta jew emendata fis-sens li minflok indenizz ghal 'danni kkagunati

fuq il-vetturi' l-avviz jirreferi ghal indenizz minhabba telf ta' uzu tal-vetturi, il-kumpanija assikurattrici konvenuta m'ghandhix u lanqas qatt ma harget kopertura assikurattiva simili u l-*cover note* ghal Consequential Loss (Motor) Insruance mahruga favur l-attur minn Hayes Insurance Agency Limited, inharget minghajr l-awtorizzazzjoni tal-kumpanija konvenuta u ghaldaqstant, ma torbothomx w ghalhekk talba fis-sens indikat f'din l-eccezzjoni ghandha tigi respinta bl-ispejjes kontra l-attur.

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, jekk t-talba attrici tigi korretta jew emendata fis-sens li minflok indenizz ghal 'danni kkagunati fuq il-vetturi' l-avviz jirreferi ghal indenizz minhabba telf ta' uzu tal-vetturi, u jekk ghal grazzja tal-argument, il-kumpanija konvenuta hija tenuta li tindenizza lil attur ghat-telf ta' uzu (haga li ma hijiex ammessa) is-somma li giet mitluba mill-attur qabel il-prezentata tal-avviz kienet eccessiva u mhux konformi mat-termini tal-imsemmija *cover note* u l-attur, minghajr raguni valida, irrifjuta s-somma likwidata w offruta lilu mill-kumpanija konvenuta biex il-kwistjoni tigi rizolta barra mill-Qorti.

5. Salv eccezzjonijiet ohra."

Rat in-nota t'eccezzjonjiet tas-socjeta kjamata 'n kawza Hayes Insurance Agency Limited ppresentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar t-tmintax (18) ta' Gunju 2004 (fol. 22) fejn eccepiet:

"1.Illi s-socjeta eccipjenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li dejjem agixxiet fil-kwalita ta' agent tas-socjeta konvenuta Middlesea Insurance plc fil-materja de quo;

2.Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, t-talba attrici ma hiex fil-konfront tas-socjeta eccipjenti, legalment sostenibbli, stante li l-attur ma jistax

jivvanta danni naxxenti minn relazzjoni kontrattwali mad-ditta konvenuta l-ohra;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat illi fis-seduta tal-ghaxra (10) ta’ Novembru 2004 xehed **l-attur Martin Degabriele** minn jeddu (fol. 25) fejn qal li hu ghandu flotta ta’ *minibuses u* li fil-bidu dawn kienu assikurati mas-socjeta Hayes Insurance Agency Limited. Qal li din l-assikurazzjoni kien ghamilha fis-sens li anke jekk s-sewwieq tal-*minibuses* tieghu jkollu tort, oltre li l-assikurazzjoni taghmel tajjeb ghal hsarat ta’ terzi, kellha taghmel tajjeb ghal hsarat li tkun sofriet il-*minibus* tieghu. Hu esibixxa l-*cover note* li harget is-socjeta Hayes Insurance Agency Limited biex tkoprih mill-ewwel (1) ta’ Novembru 1999 sal-wiehed u tletin (31) t’Ottubru 2000 bhala Dok. MD 1, bhala Dok. MD 2 esibixxa ricevuta ghal pagament akkont ta’ mija u hamsa w tletin lira maltin (LM135) li kien ghamel akkont tal-*premium* skond l-*invoice* li kienu baghtulu l-istess Hayes Insurance Agency Limited (Dok. MD 3. Zied jghid li din il-polza baqghet tiggedded minn sena ghal sena, sakemm fit-tnejn w ghoxrin (22) ta’ Lulju 2002, hu rcieva ittra minghand l-Middlesea Insurance plc li esibixxa bhala Dok. MD 4, fejn l-Middlesea Insurance plc kienu nfurmawh li issa huma ser ikunu l-assikuraturi tieghu minflok Hayes.

Jghid li dan kien in risposta t’ittra precedenti li rcieva minghand Hayes Insurance fit-tnax (12) ta’ Lulju 2002, fejn dawn kienu nfurmawh li huma kienu tterminaw l-ftehim taghhom t’agenti tal-Middlesea Insurance plc li kopja taghha esibixxa bhala Dok. MD 5. Jghid li wara dan, hu kellu pendenzi mal-kumpanija Hayes u huma wkoll kellhom xi pendenzi mieghu w issetiljaw l-kontijiet bejniethom u hu gie nfurmat li minn dakinhar kien assikurat mal-Middlesea direttament.

Jghid li hu dejjem gie moghti x'jifhem li l-assikurazzjoni li kellu kienet tkoprih ghat-telf ta' qliegh jekk ikollu xi vettura nvoluta f'incident w anke ghar-riparazzjonijiet tal-hsarat fil-vettura tieghu, anke jekk ikun t-tort tad-*driver* tieghu. Jghid li matul l-perjodu ta' din l-assikurazzjoni hu ghamel tlett *claims* separati li jirrigwardaw incidenti li fihom vetturi tieghu gew danneggjati u dawn huma incident li sehh fis-sebgha (7) ta' Frar 2002 li fih kienet involuta l-vettura tieghu IMY 285. Jghid li ghar-riparazzjonijiet ta din il-vettura ma kellux problemi ghaliex hallsuh l-ispejjez kollha li sofra, pero wara din il-vettura kienet damet jumejn biex tissewwa w allura kellu telf ta' qliegh ta' jumejn w ghamel *claim*.  Jghid li din il-vettura damet bejn l-hamsa (5) w is-sitta (6) ta' Novembru 2002 biex tissewwa u hu seta' jesibixxi x-xoghol li kellu destinat ghal din il-*minibus* u qabbad ditta ohra biex ghamlet dan x-xoghol u ta' dan x-xoghol hallas mija tnejn w erbghin lira u sitta w tletin centezmu (LM142.36) minghajr VAT.  Hu esibixxa l-inkartament rigward din il-*claim* bhala Dok. MD 6.

Jghid li *claim* ohra kienet tirrigwarda l-vettura IMY 272 li kienet involuta f'incident nhar t-tlieta (3) t'April 2002 u din dahlet ghat-tiswija fis-sittax (16) ta' Mejju 2002 u damet sad-disgha w ghoxrin (29) ta' Mejju 2002 biex tissewwa w ghax-xoghol li kien destinat ghal dan il-van, hu kellu jhallas elf erbgha mija tmienja w sebghin lira maltin w ghoxrin centemzu (LM1478.26) minghajr VAT u dwar dan esibixxa d-Dok. MD 7.

Jghid li fis-sittax (16) ta' Mejju vettura ohra HMY 165 kienet involuta f'incident u din damet mis-sbatax (17) ta' Mejju sad-disgha w ghoxrin (29) ta' Mejju biex tissewwa u l-valur li kellu jhallas biex setgha jigi esegwit dan x-xoghol destinat ghal dan il-vann kien ta' elf sitt mija u tlett liri maltin u hamsa w hamsin centezmu (LM1603.55) ta' liema esibixxa d-Dok. MD 7.

Jghid li l-kumpanija Hayes ma kienetx hallsitu ta' dan il-*loss of use* peress li bdiet issostni li hu ma kienx kopert ghal *loss of use* u dwar dan esibixxa d-Dok. MD 8. Jghid wkoll li Hayes Insurance Agency qatt ma ppretendiet li hu ma kienx kopert ghal *loss of use*, w infatti kellu incidenti precedenti fejn tal-*loss of use* thallas wkoll oltre r-riprazjonijiet tal-vettura. Jghid li kienet il-Middlesea Insurance li kienet iddikjarat mieghu meta tfaccaw dawn il-*claims* li hu ma kienx kopert ghal *loss of use*.

Jghid li nduna li l-Middlesea mhux qed thallsu ghal *loss of use*, meta rcieva l-pagament tal-hsarat fil-vettura, peress li ma kienux hallsuh tal-*loss of use*. Jghid li meta avvicina rapprezentanti ta' din l-assikurazzjoni dawn mill-ewwel, w hawnhekk l-ewwel darba li gie nfurmat li kienu qed jippretendu li hu ma kienx inxjurjat ghal *loss of use*. Jghid li allura mar ghand Hayes li kienu l-agenti tal-Middlesea u kellem lil Matthew Hayes u meta qallu li l-Middlesea ma riedux jaccettaw l-*loss of use*, dan qallu li kienu zbaljati. Jghid li meta hu wera lil Middlesea d-Dok. MD 1, ossia l-*cover note*, dawn kienu qalulu li huma bhal dak d-dokument ma kellhomx u wara ppruvaw jiddiljaw mieghu fuq l-ammont li kien qed jippretendi, izda hu m'accettax r-riduzzjonijiet. Qal li hu kien allura fehem li kienu qed jaccettaw l-fatt li hu effettivament kien kopert ghal *loss of use*.

Illi nhar t-tnejn (2) ta' Novembru 2006 xehed **Matthew Hayes** prodott mill-attur (fol. 66) fejn qal li fil-perjodu tas-sena 2002 u tas- snin ta' qabel hu kien direttur ta' Hayes Insurance Agency Limited liema kumpanija kienet qed tagixxi bhala agent tal-assikuraturi principali Middlesea Insurance plc. Qal li bhala agenti ta' din l-assikurazzjoni, hu kien ftiehem fuq polza t'assikurazzjoni mal-attur Martin Degabriele. Meta gie muri l-*cover note* a fol. 28, qal li din kienet il-polza li kienet harget originarjament u kienet b'effett mill-ewwel (1) ta' Novembru 1999 sal-wiehed u tletin (31) t'Ottubru

2000 u kienet tkopri l-*minibuses* hemm indikati. Qal li din baqghet tithallas u tiggedded sas-sena 2001 w il-*premium* imhallas fl-2001 kien ikopri l-assikurazzjoni sa Ottubru 2002.

Qal li huma kienu gew avzati mill-Middlesea Insurance plc li huma ma kienx ghadhom agenti taghhom b'effett mill-hmistax (15) ta' Lulju 2002. Qal li t-*type of policy* li kellu l-attur hija dik li jghdulha *consequential loss motor insurance*. Zied jghid li waqt li kienu agenti huma tal-Middlesea, l-attur kien ghamel *claim* anzi kellu tnejn jew tlett *claims* li kien ghadhom pendenti u dawk li kien ghadhom pendenti, huma kienu ghaddewhom lil Middlesea. Qal li l-polza li kellu l-attur kienet tkoprih ghal kwalunkwe telf ta' profitti minhabba x'incident li setgha jiltaqa' mieghu b'xi wahda mill-*minibuses* li kien hemm indikati fl-*insurance*. Qal li a bazi ta' din il-polza, sakemm kienu ghadhom agenti huma, Martin Degabriele kien ghamel *claims* li kienu jirrigwardaw l-*loss of use* minhabba li xi wahda mill-vetturi kienet involuta f'x'incident u huma kienu hallsuh. Qal li f'idejh dak l-hin ma kellhux dokumentazzjoni dwar l-*claims* li kienu gew finalizzati w ipprometta li jesibihom fi stadju ulterjuri. Qal li dawn il-*claims* qatt ma kienu gew *settled* ghaliex il-Middlesea kienu qed isostnu li kellu *under insurance* peress li l-*gross profit* li hu kien jidher li kien qed jaghmel, ma kienx dak indikat fil-polza inizjali. Qal li fil-fehma tieghu ma jidhirx li kien hemm xi kontestazzjoni ohra tal-Middlesea hlief fejn jirrigwarda l-*under insurance* imsemmija. Qal li hu lil Martin Degabriele jkun infurmah rigward dawn il-*claims* fis-sens li hu kien kopert ghal kwalunkwe *loss of profits* ghalkemm ma kienx jaf jekk kienx ghamel referenza specifika ghal *loss of use*. Qal li hu jinterpreta li *loss of earnings* jikkomprendu *loss of use* tal-*minibuses*.

Qal li oltre l-*cover note*, qatt m'ghamlu polza t'assikurazzjoni formali pero hu kien tkellem mal-

Middlesea biex johorgu *policy* formali u l-Middlesea dejjem qalulu li l-polza tista tohrog. Qal li hu llum kopji tal-*files* ghandu ghaliex il-*files* originali qatt m'ghaddiehom lil Middlesea. Qal li fil-*file* tieghu ghandu kopja tan-notamenti li ghadda lil Middlesea fejn l-attur kien indika n-numru tal-*minibuses*, in-numru ta' *trips* li kien jaghmel b'kull *minibus* w in-numru tal-passiggieri li kien jghabbi f'kull *minibus* u b'dan setgha johrog il-profitt li seta' jigi kalkolat mill-uzu ta' kull *minibus*. Hu esibixxa kopja ta' dawn in-notamenti bhala Dok. MH.

In kontr'ezami jghid li kellu kuntratt t'agenzija bil-miktub. Meta gie muri kopja tal-kuntratt t'agenzija qal li jassumi li l-kuntratt li kellu hu kien bhal dan. Qal li ghal habta ta' Novembru 2000, kienet saret xi emenda ghal kuntratt t'agenzija li kellu hu, izda ma setghax jiccertifika qabel ma jara l-*file* relattivi w ipprometta li jivverifika fi stadju ulterjuri dwar dan. Zied jghid li l-*policies* jkollhom certu numri fihom li huma ndikattivi ghat-tip ta' *policy* li jkunu jittrattaw minnhom. Meta gie muri l-*invoice* a fol. 30, mahruga mill-kumpanija tieghu, qal li din tirreferi appuntu ghal *consequential loss policy.*

Qal li kien qed jara n-numru tal-kodici ndikattivi fl-istess *invoice* ghal *policies* in kwistjoni li huma kodici erbatax (14) u dan huwa kodici li jirreferi ghal *consequential loss policy* jew *business interruption policies*. Qal li jaf wkoll li l-kodici erbatax (14), jirreferi wkoll ghal *fire policy* u li hu kien hareg dan in-numru ghaliex meta kkuntattja lil Joe Avellino, li dak z-zmien kien wiehed mid-dirigenti tal-Middlesea Insurance, dan kien qallu biex johrogha taħt dan il-kodici w imbaghad kellu jirrimedja hu. Zied jghid li d-dokumenti jipprovduhomlu l-Middlesea, anke l-i*standard policy* ma johroghiex hu bhala agent imma jipprovduhilu l-*principals*, il-Middlesea.

Spjega li Martin Degabriele kien assikurat wkoll taħt *motor insurance* u hu kellu l-i*standard form* li

giet mill-Middlesea Insurance u hu kien harigielu. Qal li jista jkun li l-Middlesea m'ghandhiex *standard policy* ghal *consequential loss policy* izda l-*insurances* huma *made to measure*. Qal wkoll li kien jaf li l-attur kien anke ha *quote* minn assikurazzjoni ohra ghal dik l-*insurance* li kien tah hu. Qal li hu qatt ma hareg *standard form policy* lil attur, ghaliex dejjem ried jistenna lil Joe Avellino biex jifformola din il-polza. Qal li hu hareg *cover note* qabel ma kien ftiehem mal-principal tieghu x'tip ta' polza t'assikurazzjoni kellu johroglu u dan ghamlu wara li Joe Avellino kien kkonfermalu li l-polza li xtaq l-attur b'xi mod kienet tista ssir.

Qal li tul l-perjodu li kien agent, l-Middlesea gieli hargu polza ghal *consequential loss policy* kif hu ppretenda li jaghmlu lil attur w ipprometta li fi stadju ulterjuri, jipprezenta kopja taghha. Qal li *consequential loss* marbuta ma *motor insurance* le, l-Middlesea qatt ma kienu ghadhom hargu polza peress li din kienet *tailor made*. Qal li hu dam madwar ghaxar snin agent tal-Middlesea u li l-figura ta' kemm kien il-*gross profit* tan-negozju generat mill-vetturi tal-attur, kien hadha minghand l-istess attur.

Illi nhar d-disgha (9) t'April 2008 rega' xehed **Matthew Hayes** (fol. 96) fejn qal li l-attur kellu erbgha (4) *claims* maghhom u esibixxa zewg *claims* minnhom bhala Dok. MG u MG 1 ghaliex t-tnejn l-ohra jinsabu arkivjati w ghalhekk kellu jaghmel aktar tfittixija ghalihom. Qal li l-attur pero gie mhallas ghal *claims* li kien ghamel minghandhom bhala agenzija Middlesea Insurance. Esibixxa wkoll *agreement* li hemm bejn Hayes Insurance w is-socjeta konvenuta. Mistoqsi jafx dwar l-emenda li allegatament saret fis-sena 2000 dwar din il-polza, x-xhud wiegeb li effettivament l-emenda saret f'Novembru 2000 u sussegwentement kienu hargu *schedules* godda emendati. Qal li l-karozzi tal-attur kienu koperti bil-polza. Qal li l-attur kellu polza *fully*

*comprehensive* ghal vannijiet tieghu w ghalhekk huma tawh t-*third party liability* minnha. Qal li kellu polza ohra ta' *business interruption* fuq il-flotta tal-vannijiet tieghu w ghalhekk parti minnha kellha taqa taħt *motors schedule*. Esibixxa kopja ta' dawn is-*schedules* (Dok. Z) li huma ghandhom bhala agenzija dwar il-quantum li huma jistghu jhallsu dwar il-*claims*. Qal li meta jaqbzu certu ammonti, l-kaz jigi riferut lil Middlesea Insurance.

Qal li l-*insurance* li kellu l-attur maghhom kienet fuq flotta ta' vetturi w il-*cover* taghhom kienet tkopri wkoll *loss of use* u *consequential loss.* Qal li sussegwentement hu kien tkellem mal-Middlesea, tahom l-*workings* kollha u tkellem wkoll ma Joe Avellino li qallu li ma kienx ser ikun hemm problema ghaliex "*kienet simple technicality, you have to change something in the wording but it could be done*." Qal li kemm ghamillu assigurazzjoni verbali li l-polza qatt ma harget. Qal li l-attur, meta ghamel l-*claim* originali, kien mar ghand l-Middlesea Insurance u dawn qalulu li ma kellux *cover* ghaliex ma kienx hemm *policy in force.* Qal li hu kien inxjurjat fuq *annual gross profits of twenty thousand liri,* li l-*annual gross profit* kien aktar *to be penalized proportionality* fuq *the under insurance* li ghamlu w ghalhekk, bhala princpju, l-Middlesea riedet thallas ghal *consequential loss.* Ix-xhud esibixxa kopja ta' din l-ittra datata tlieta (3) ta' Mejju 2003 bhala Dok. Z 1.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin (21) t'Ottubru 2008 xehdet **Melanie Camilleri prodotta mis-socjeta konvenuta** (fol. 127) fejn qalet li taf lil attur peress li kien inxjurjat m'agenzija minn taghhom maghrufa bhala Hayes Insurance Agency Limited. Qalet li l-attur kellu *motor policy* li tkopri *commercial vehicles* b'mod *comprehensive*. Qalet li taf li kienu saru tlett *claims* fuq *minibuses* tal-attur w huma koprew l-hsarat li kellu fihom. Qalet li effettivament dawn kienu *traffic accidents*. Qalet li

d-danni hallsuhom huma peress li jiehdu hsieb l-*claims* ta’ din l-agenzija pero l-polza tinhareg mill-agent <u>*on behalf of Middlesea*</u>. Qalet li sa fejn taf hi, l-attur ma kellu ebda *consequential loss policy* fuq il-vetturi tieghu u li effettivament fuq *motor policy* lanqas biss tezisti.

Meta giet murija l-*cover note* (Dok. MD 1 a fol. 28), ikkonfermat li din giet mahruga minn Hayes Insurance Agency u kienet tkopri *loss of use* tal-attur. Qalet li din ma hiex *policy* izda *cover note* w huma ma kienux jafu dwarha tant li kien l-attur li kien hadielhom meta kien hemm il-*claim* pendenti. Qalet li meta jkun hemm *hired vans* li jkunu koperti kull kaz amendment jew le, irid jigi riferut lil *head office*, ikellem lil agenzija biex tohrog l-*approval* fuq il-*policy*. Meta giet murija *invoice* esibita a fol. 30, ikkonfermat li din giet mahruga minn Hayes Insurance u li n-numru ndikat fuq in-naha tal-lemin taghha huwa l-*policy number* li jkun maqsum f’*codes*. Qalet li l-*code* fuq dan in-numru u cioe erbatax (14) huwa l-*consequential loss policy* taħt *hire policy* mhux *motor*. <u>Qalet li dan d-dokument gie mahrug minn Hayes Insurance Policy Agency minghajr l-kunsens taghhom.</u>

In kontr’ezami tghid li lil attur tafu fuq kwistjonijiet ta’ *claims* u mhux fuq hrug ta’ poloz. Qalet li hi u Matthew Hayes tkellmu fuq din l-kwistjoni tal-attur una volta gew rinfaccati bil-*claim* pero ma tkellmet qatt mieghu meta harget il-*policy*. Qalet li dawn il-poloz partikolari fuq *hired vehicles* ilhom registrati maghhom sa mis-sena 2001 u l-attur kellu polza ta’ vetturi nxjurjati maghhom. Mistoqsija jekk kienx hemm xi *claim* fuq *consequential loss* qabel dik odjerna li giet onorata minnhom, wiegbet li ma kienx hemm. Qalet li meta tkellmu mal-attur, hu kien taħt l-impressjoni li kien kopert maghhom wkoll dwar *consequential loss* ghaliex hekk kienu qalulu ta’ Hayes.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin (21) t'Ottubru 2008 xehed **Patrick Muscat** prodott mis-socjeta konvenuta (fol. 129) fejn meta saritlu referenza ghal dak li qal l-attur fix-xhieda tieghu a fol. 27, qal li huma ghandhom relazzjoni kontrattwali ma Hayes Insurance Agency, pero hu jahdem mal-Middlesea Insurance fil-kariga ta' *claims manager*. Qal li fil-fehma tieghu, Hayes Insurance Agency marru lil hinn mill-awtorita moghtija lilhom minnhom ghalkemm huma kienu koxjenti mill-obbligi taghhom vis a vis l-klijent minhabba l-izball li ghamlu Hayes Insurance Agency. Hu esibixxa kopja tal-korrispondenza bhala Dok. EM, li ghaddiet bejnhom u bejn Hayes li turi l-posizzjoni taghhom vis a vis l-attur. Mistoqsi jekk hu qatt iltaqa mal-attur wiegeb li kien kellmu zgur u li minn naha taghhom kienu ghamlulu diversi offerti a bazi tal-*cover note* li kellu mahrug minn Hayes Insurance. Qal li huma kienu hassew li l-obbligazzjoni versu l-attur xorta kellhom jonorawha w ghalhekk hargu b'*settlement* a bazi tal-*cover note* murija lilu. Esibixxa wkoll kopja tas-*settlement* a bazi ta' liema waslu ghaliha u cioe ghal dak li hemm miktub fl-itta tieghu datata erbgha w ghoxrin (24) ta' Lulju 2003, bhala Dok. PM 1. Qal li jidher li taħt l-*cover note* mahruga minn Hayes Insurance Agency Limited jidher li l-attur kien kopert ghal tali *claim* pero minn naha taghhom, u cioe mill-Middlesea Insurance, qatt ma taw awtorita lil Hayes Insurance biex johorgu dik il-polza li effettivament hargu. Mistoqsi jekk huma hallsux l-*consequential loss* li kien qed jitlob l-attur, wiegeb li le minhabba l-fatt li l-attur ma qabilx mal-ftehim u cioe ma dak li kienu huma qed jipproponu. Qal li llum l-gurnata pero Hayes Insurance m'ghadhiex agent tal-Middlesea Insurance u mhux minhabba dan l-incident tal-attur. Qal li jekk ma kienx sejjer zball, waqfet milli tkun agent taghhom fis-sena 2000-2001. Qal li fil-fatt baqghu jaghmlu biss r-*run off claims* ta' Hayes Insurance Limited u jekk ma kienx sejjer zball, din setghet kienet wahda minnhom. Qal li ma

setghax jirrispondi ghal dak li qal Matthew Hayes li hu kkomunika ma xi hadd mill-Middlesea qabel ma hareg l-*cover note* in kwistjoni u li jista jghid hu zgur li mieghu ma tkellimx.

Illi nhar l-hamsa (5) ta' Dicembru 2008 xehed **Joseph Avellino** prodott mis-socjeta konvenuta (fol. 140) fejn qal li l-attur kellu diversi poloz maghhom fosthom dawk ta' *motor insurance* u dan tramite l-agenzija Hayes Insurance. Qal li l-Middlesea Insurance tohrog *consequential loss policies following material damage.* Mistoqsi jekk johorgux *consequential loss policies* in rigward ta' karozzi, wiegeb li ma johorgux. Mistoqsi jekk hux minnu li kien gie avvicinat minn Matthew Hayes in konnessjoni ma xi polza li kellha tinhareg fil-konfront tal-attur, wiegeb li iva, dan kien dwar il-possibilita ta' hrug ta' polza *consequential loss* u kienu qalulu li ma kienetx possibbli. Qal li din kienet biss *enquiry* u kienu qalulu li kienu ser jiccekkjaw u meta ccekkjaw, qalulu li ma kienx possibbli. Qal li meta qalulu hekk, hu qatt ma gera warajhom u fil-fatt effettivament hasbu li kien tilef l-interess f'din l-*enquiry* li kien ghamel. Qal li dwar dak li qal Matthew Hayes u cioe dwar il-*workings* tad-dhul tal-attur, qal li setgha kien il-kaz li tkellmu fis-sens li qalilhom bhala somma kemm kellu jaqla' flus l-attur. Qal li ma kienetx indikata bhala *profit and loss* li hija riflessa xi *loss of profit insurance*. Qal li mhux minnu li hu kien qal li kienet *a simple technicality*, anzi kwistjoni bhal din kienet wahda kumplessa ghaliex riedu jiccekkjaw jekk qattx tezisti *insurance* ta' dak t-tip. Qal li hu, effettivament kien staqsa fis-suq lokali jekk qatt inharget polza ta' dan il-generu u kienu qalulu li ma kienx hemm.

Meta gie muri d-dokument mahrug minn Hayes Insurance datat l-ewwel (1) ta' Frar 2000 (fol. 30) ix-xhud qal li dan hu *invoice* u fuqha hemm miktub riflessjoni ta' *policy number* li jidher li hu wiehed li qisu johorgu l-Middlesea. Qal li dan huwa *code* u

fil-fatt hemm wkoll referenza ghal prodott minn taghhom. Qal li mhux assimilat ma prodott li huwa *loss of profit insurance* izda huwa *business interruption* li normalment tinhareg fuq azjenda li tkun qed tinxjurja l-bini, l-i*stock* u l-makkinarju taghha w in-numru tal-kodici huwa erbatax (14) w is-sena hija 1999.

Cahad li hu qal lil Matthew Hayes sabiex johrog din il-policy taħt dan il-kodici u li kellu jirrimedja aktar tard. Qal li l-kodici erbatax (14) jirrapprezenta *non motor insurance* u li *motor* tappartjeni lil klassi u *non motor* lil klassi ohra.

Qal li kien minnu li Matthews Hayes kien agent taghhom u kien responsabbli li jbiegh l-*policies* taghhom, pero ma jfissirx li kienu jaccettaw kull *policy* li xtaq ibiegh hu. Qal li ma jiftakarx li qatt kellem lil Matthew Hayes u lil attur fuq xi *consequential loss insurance.* Mistoqsi jekk personalment jafx jekk Matthew Hayes tax xi *commitment* personali lil attur, wiegeb le, ma jiftakarx dan. Qal li hu qatt ma vverifika biex jara jekk effettivament Matthew Hayes irrilaxxjax xi dokument in konnessjoni ma *consequential loss* lill-attur*.* Qal li meta huma jaghmlu *refuse*, ma joqghodux jiccekkjaw l-agent taghhom. Qal li hu sar jaf li effettivament Matthew Hayes kien hareg din il-polza, mill-*claims department* taghhom u giet inizjata din l-kawza. Qal li jekk ma kienx sejjer zball, l-*claim* tal-attur kienet wahda ghal *loss of profit*. Qal li lilu l-attur qatt ma qallu personali li kien kopert b’xi polza pero kien jaf li kien ha dik il-posizjoni li kien minghalih kopert.

Illi nhar s-sitta w ghoxrin (26) ta’ Mejju 2009 xehed **l-attur Martin Degabriele** in kontr’ezami (fol. 148) fejn mistoqsi jekk effettivament thallasx tal-ispejjez involuti fuq il-vetturi fl-incidenti li kellu u li semma fix-xhieda tieghu tal-ghaxra (10) ta’ Novembru 2004, wiegeb li minghalih li thallas tal-ispejjez u jekk ma kienx sejjer zball, minghand l-Middlesea.

Mistoqsi jekk hux minnu li hu kellu ncidenti fejn kien thallas wkoll tal-*loss of use*, wiegeb li iva, meta kien inxjurjat ma Hayes Insurance kien thallas tal-*loss of use* minghand Hayes direttament. Mistoqsi kemm kien l-ammont, wiegeb li llum il-gurnata nesa, ghax ghadda hafna zmien u li dokumentazzjoni ma kellux. Mistoqsi jekk qatt tawh kopja tal-polza li fuqha hija bazata l-*cover note* Dok. MD 1 a fol.28, wiegeb li m'ghandux u li kull ma kellu kienet il-*cover note*. Mistoqsi jekk kienx tkellem ma Middlesea, wiegeb li ghal ewwel meta kien ikollu xi assi, kien jitkellem ma Matthew Hayes pero meta ried xi polza, ma kien tkellem qatt ma Middlesea. Ftakar li l-ewwel darba li tkellem ma Middlesea kien wara li Matthew Hayes kien qallu li kellu jircievi *cheque* minghand l-Middlesea ghaliex f'dak l-istadju, huma kienu spiccaw *brokers* biss. Qal li meta tkellem mad-dirigenti ta' Middlesea dwar il-kwistjoni tal-*loss of use*, dawn qalulu li xtaqu jitkellmu mal-*management* taghhom u baqa' ma thallasx. Mistoqsi jekk kien hu li taha l-figura ta' *twenty eight thousand* lil Hayes meta hareg d-dokument esibit a fol. 28, wiegeb li kienet fuq informazzjoni moghtija lilu minnhom wara li tahom kopja tal-*income tax return* tieghu.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta Middlesea Insurance plc ippresentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-tmienja (8) ta' Novembru 2009.

Rat in-nota tal-attur ippresentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-tlieta (3) ta' Settembru 2009.

Ikkunsidrat:-

Illi din il-kawza tikkoncerna *claims* li ghamel l-attur mas-socjeta kjamata in kawza Hayes Insurance Agents Limited fil-kapacita taghha t'agent tas-socjeta konvenuta u dan dwar kwistjoni ta' *consequential loss* li huwa sofra meta tlieta mill-

vetturi tieghu li kienu koperti bi polza ta' sigurta mas-socjeta Hayes, kienu nvoluti f'incident awtomobilistiku.

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

Illi jinkombi fuq il-Qorti li l-ewwelnett tezamina l-pozizzjoni tal-***Insurance Broker*** u dan minhabba li l-pozizzjoni legali tal-istess jaffettwa l-ezitu kollu tal-kawza.

L-***Insurance Broker*** huwa mandatarju tal-assikurat. Huwa jghin biex jintlahaq ftehim mal-assikuratur bl-iskop li jigi assikurat riskju, tinhareg assikurazzjoni f'isem il-persuna assikurata, bil-weghda t'indennizz jekk tigri l-haga msemmija fl-assikurazzjoni. L-***Insurance Broker*** huwa l-mandatarju tal-assikurat u mhux tal-kumpanija t'assikurazzjoni (ara **Antonio Zammit vs Joseph Micallef** tal-31 ta' Jannar 1952, XXXVI-III-610; u **Anthony Vassallo vs Alfred S. Azzopardi nomine** deciza fil-21/04/99). Ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Michael Bertuello vs Victor Cordina pro et noe et** deciza mill-Onor Qorti tal-Appell fil-hdax (11) ta' Lulju, 1994 inghad:

*"Mill-provi jirrizulta li din is-socjeta' ma tassikurax hi izda tagixxi bhala agent tas-socjeta` estera Black Sea and Baltic General Insurance Company Limited. Jekk il-konvenut Victor Cordina ma agixxiex personalment, izda agixxa f'isem is-socjeta` konvenuta, similment, din is-socjeta' ma agixxietx bhala socjeta' propju izda f'isem is-socjeta' assikuratrici estera imsemmija li taghha hija l-agent f'Malta……izda li se mai din titharrek bhala agent tas-socjeta` assikuratrici estera li ultimament hija dejjem responsabbli ghal dak li gie kontrattat ghan-nom taghha mis-socjeta` konvenuta.."*

Il-pozizzjoni guridika tal-***Insurance Broker*** giet ezaminata tajjeb hafna fil-kawza hawn fuq

imsemmija **Vassallo vs Azzopardi** riferibbilment ghar-rapport tal-periti addizzjonali Dr. Philip Sciberras, Dr. John Vassallo u Dr. Joseph Caruana Scicluna.

A fol 23 ***et*** tas-sentenza jinghad:

*"Il-periti addizzjonali jissottomettu illi r-referenza li ghamel il-Perit Legali Dr. Mark Chetcuti ghall-Artikolu 93 tal-Kodici tal-Kummerc huwa rrelevanti ghal mertu tal-kawza. Jirrilevaw li l-"public broker" kif mifhum f'dan il-Kodici, m'ghandu x'jaqsam xejn u jirraprezenta imprecizazzjoni legali kif gia' kienet espressa fil-kawza tal-Qorti tal-Kummerc in re. "Lawrence Azzopardi et vs Jospeh Muscat et" (18.04.1983 per Imhallef Scicluna), liema decizjoni sostniet ukoll illi "l-broker jew is-sensal mhuwiex ir-rappresentant tal-partijiet biex imghaqqad l-operazzjoni."*

Il-Periti Addizzjonali josservaw illi l-ligi li tapplika ghal kaz in kwistjoni hija Artikolu 23(6) tal-Att Dwar l-Impriza ta' l-Assigurazzjoni, Kap. 290, Att XVII, 1981, liema disposizzjoni tikkwalifika "*insurance broker" bhala dik il-persuna li 'ghal xi kummissjoni jew kumpens iehor jew oggett ta' valur ikun x'ikun tagixxi jew tghin b'xi mod biex thajjar, jintlahaq ftehim, jew biex isir kuntratt ta' assigurazzjoni jew biex jigi assigurat riskju jew biex tinhareg assigurazzjoni, f'isem persuna assigurata jew persuna li tkun se tigi assigurata, barra minnha nnifisha*.'

Inoltre, il-Periti jirreferu ghall-artikolu ta' **Senator B.R. Bamford S.C**. "**Rights and Duties of Insurance Brokers**", riportat fil-harga tal-**Lloyds Maritime and Commerial Quarterly**, February 1976, p.59 fejn hemm stabbilit li fil-pajjizi Anglo Sassoni, ir-relazzjoni guridika tal-broker mal-assikurat jew mal-persuna li titlob assigurazzjoni hija governata mill-kuntratt tal-mandat jew dak ta' l-agent.

Hekk ukoll gie ritenut mill-Qorti tal-Kummerc in re. "**Antonio Zammit vs Joseph Micallef noe**" 31 ta' Jannar, 1952, Vol. XXXVI, P.III, p. 610, li meta subagent "jimla' l-*proposal form* ghal min irid jassigura karozza huwa l-mandatarju ta' min irid jaghmel dik l-assikurazzjoni u mhux tal-kumpanija t'assikurazzjoni…"

Fl-istess artikolu l-istess awtur ighaddi biex jelenka d-dmirijiet principali tal-Insurance broker, li "qua" mandatarju huma fl-obbligu:-

*(a) to perform his mandate fully to the extent of his authority and as expeditiously as possible;*

*(b) to exercise care and the requisite skill in performing the mandate:*

*(c) to notify an insured within a reasonable period that insurance has or has not been effected;*

*(d) to disclose to the insured any information or intention he may have relevant to the insured's interests;*

*(e) to show "uberrimae fides" in his dealings with and for an insured;*

*(f) to keep accounts and furnish them in proper form to an insured;*

*(g) to take reasonable steps to protect the insured's interests.*

Il-Periti josservaw ukoll li hemm ukoll il-vizjoni tradizzjonali fejn l-operat tal-"insurance broker" huwa abbinat mar-relazzjoni kontrattwali simili ghall-"***locatio-conductio operis***," kif irravisat is-socjeta` konvenuta fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom. Din il-posizzjoni fl-Italja, il-Belgju u

Franza – **Compforts A. vs N.V.Zurich, 1978**, riportata fil-***Lloyd's Maritime and Commercial Law Quarterly***, February, 1979. p.91.

*Fl-ahharnett, il-periti jirrilevaw, li irrispettivament jekk l-attivita' tal-"insurance broker" huwa mandat jew* locatio operis*, il-fatt hu li kemm il-mandatarju kif ukoll l-appaltatur iwiegbu ghan-negligenza fl-esekuzzjoni tal-mansjoni lilhom affidata u jitqiesu imputabbli ta' dilazjoni kolpusa jekk dan li jkun rikjest minnhom jesigi zmien ghall-esekuzzjoni tieghu.*

L-istess Qorti fl-imsemmija sentenza ikkonkludiet a fol 33 li:-

*"Din il-Qorti taqbel ma' dik it-tezi msemmija mill-periti addizjonali li fil-ligi taghna l-**insurance broker** huwa mandatarju tal-assikurat. Din it-tezi hija dik adottata mil-ligi Ingliza li, f'din il-materja, ghandha aktar influwenza fuq il-ligi taghna milli ghandha l-ligi kontinentali. Bhala tali l-**broker**/mandatarju huwa wkoll responsabbli skond l-artikolu 1874 tal-Kodici Civili Kapitolu 16 …"*

L-istess kienet irriteniet din il-Qorti fil-kawza deciza fis-sittax (16) ta' Mejju 2002 (Imhallef Tonio Mallia) fil-kawza **Vincent Azzopardi vs Middlsea Insurance Company** fejn qalet li:

*"Hu risaput li l-**broker** huwa l-agent ta' l-assikurat mhux tal-kumpanija assikuratrici".*

Fis-sentenza tal-kawza fl-ismijiet **Salvatore Sammut vs Middlsea Insurance p.l.c.** tal-erbatax (14) ta' Mejju 2004 l-Onor. Qorti tal-Appell iddeskriviet polza t'assikurazzjoni hekk:-

*"Polza t'assikurazzjoni tohloq relazzjoni bilaterali bejn il-kontraenti fejn, in konsiderazzjoni tal-hlas ta' **premium** mill-assikurat lis-socjeta`*

*assikuratrici, dik l-istess socjeta` tintrabat li tindennizza lill-assikurat taghha fl-eventwalita` li san isofri xi telf bhala rizultat ta' event dannuz kopert bl-istess polza ta' assikurazzjoni. L-element principali f'dan it-tip ta' kuntratt huwa r-riskju, liema riskju tassumieh is-socjeta` asskuratrici. F'dan is-sens, ghalhekk, dan huwa kuntratt bilaterali b'titolu oneruz in kwantu l-kontraenti jirregolaw l-obbligazzjonijiet ta' bejniethom billi l-hlas ta'* ***premium*** *da parti tal-assikurat tiskatta l-obbligazzjoni ta' indennizz da parti tas-socjeta` assikuratrici".*
Stabbiliti dawn il-principji wiehed issa jrid jezamina l-eccezzjonijiet fil-kawza odjerna fejn l-Assocjazzjoni konvenuta sostniet li ma kellha ebda relazzjoni guridika maghha izda mas-socjeta kjamata 'n kawza. Din il-Qorti ma taqbilx ma' din l-eccezzjoni minhabba l-konsiderazzjonijiet fuq imsemmija. Infatti l-attur qed jassikura mad-ditta kjanta 'n kawza izda biex taghmel dan qed tuza s-servizzi tal-imsemmija ditta konvenuta Middlesea Insurance Limited. Dan ma kienx iwassal ghal dak sostnut mill-Assocjazzjoni kjamata 'n kawza li ma hemm ebda relazzjoni guridika mal-attur. Hayes Insurance Agency Limited kienet il-mandatarja tal-Assocjazzjoni assikurata w ghalhekk ir-responsabbilta` ghall-hlas lill-attur fl-eventwalita` li jigri dak li ghalih saret l-***insurance,*** kienet tas-socjeta` kjamata 'n kawza versu l-attur. Infatti jekk jigri xi haga, l-hlas ried isir mid-ditta kjamata 'n kawza

Illi jirrizulta li skond il-*cover note* esbita fl-atti a fol. 28 huwa kien kopert ghal *consequential loss*. Illi dan il-fatt mhux kontestat mis-socjeta Hayes Insurance Agency Limited ghalkemm issostni li hija mhiex responsabbli ghad Danni sofferti mill-attur ghaliex hija agixxiet bhala agent tas-socjeta konvenuta Middlesea Insurance u li ghalhekk hija din is-socjeta li ghandha tghamel tajjeb ghad-danni.

Illi minn naha taghha is-socjeta konvenuta apparti li tghati numru t'eccezzjonijiet ta' natura preliminari li l-Qorti sejra titratta mmedjatament issostni li hija mhiex responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur ghaliex hija ma harget l-ebda polza ta' *consequential loss* u in oltre lanqas ma kienet taf bil-hrug taghha qabel ma giet prezentata l-*claim*.

In linea preliminari pero s-socjeta konvenuta tecepixxi li fl-ewwel lok isem is-socjeta konvenuta Middlesea Insurance plc m'ghandhiex tinkiteb bhala Middle Sea Insurance plc kif indikat fl-avviz.

Illi din l-eccezzjoni pero giet sorvolata permezz ta' digriet moghti minn din il-Qorti diversament preseduta nhar it-tlettax (13) ta' Mejju 2004 meta laqghet it-talba tal-attur sabiex issir korrezzjoni f'isem is-socjeta konvenuta b'dan li tinqara 'Middlesea Insurance' w ghalhekk, ghalkemm is-socjeta konvenuta taghmel referenza ghal din l-eccezzjoni fin-nota taghha, l-mertu ta' tali eccezzjoni hija daqstant ezawrita.

Is-socjeta konvenuta ukoll teccepixxi 'n linea preliminari li d-danni kagunati fuq il-vetturi msemmija fl-avviz minhabba incident awtomobilistiku li qed jirreklama l-attur permezz tal-avviz thallsu mis-socjeta konvenuta kif jirrizulta mid-dokumenti MS 1 sa MS 8, pero f'kaz li l-attur kien qed jirreferi ghad-danni kagunati minhabba *loss of use* hija tinsisti li qatt ma harget polza li tokpri tali hsarat u ghalhekk m'hiex responsabbli ghal tali danni.

Fis-seduta tat-tlettax (13) ta' Mejju 2004 l-attur ghal darb' ohra talab korrezzjoni ohra fl-avviz fis-sens li t-talba tieghu tigi mpostata f'dan ir-s-sens u cioe tinqara "thallas id-danni kkagunati fuq il-vettura proprjeta tal-attur targata IMY 285 kif ukoll thallas d-danni "*loss of use*" li sofra l-attur in konnessjoni ma tlett vetturi proprjeta tieghu IMY 285, IMY 272 u HMY 165."

Illi din it-talba wkoll giet akkordata minn din il-Qorti diversament preseduta dakinhar stess tatl-erbatax (14) ta’ Mejju 2004 (fol. 19) w ghalhekk din it-tieni eccezzjoni wkoll illum tinsab sorvolata.

Illi ghalhekk l-unika eccezzjoni li fadal tas-socjeta konvenuta hija li hi mhiex responsabbli ghal tali telf t’uzu ghaliex qatt ma harget polza li tkoprih ghal tali telf izda meta hija offriet li tindenizza lill-attur qabel ma bdiet il-kawza odjerna, l-attur ghogbu li ma jaccettax is-somma offruta lilu.

Illi ghalhekk jispetta lil din il-Qorti titratta din il-kwistjoni a bazi tal-provi migjuba.

Jigi ritenut illi l-Qorti tifhem li hu l-obbligu tal-persuna li tkun qed tinnegozja biex tidhol f’kuntratt t’assigurazzjoni li taghti l-informazzjoni kollha sostanzjali rilevanti dwar il-*history* taghha bhala is-sogget t’assigurazzjoni, meta jkun car li tali informazzjoni tista b’xi mod tinfluwenza d-decisjoni tad-ditta assikuratrici fl-ghoti tal-polza.

L-istess pero hija obbligat is-socjeta assiguratrici li tinforma l-klijent bil-limitiazzjonijiet u restrizzjonijiet li l-polza li tkun ser tinhariglu kollha. Dan ghaliex kif tajjeb osserva l-avukat difensur fin-nota ta’ sottomissjoni tieghu, l-kuntratt t’assikurazzjoni hu wiehed ta’ *uberrimae fidae* u l-kontraenti ghandhom ikunu bil-massima bona fide meta jiffirmawh. (vide **Salvu Briffa vs Walter Camilleri et noe** deciza nhar 9 ta’ Frar 2001).

Kif jghid **John Bird** fil-ktieb tieghy **Modern Insurance Law** 1977 pg 100 “*The contract of insurance is the primary illustration of a class of contracts described as uberrimae fidae, that is of utmost good faith. As a result the potential parties to it are bound to volunteer to each other before the contract is concluded information which is material*.” U fil-kawza **Carter vs Noehm Lord**

**Mansfield** jiddikjara li "*good faith forbids either party by concealing what he privately nows to draw the other into a bargain from his ignorance of the fact and his belief in the contrary. The reason of the rule which obliges parties to disclose is to prevent fraud and to encouragegood faith. It is adapted to such facts as vary the nature of the contract which one privately knows and the other is ignorant of and has no reason to suspect*."

F'dan il-kaz pero ma jirrizultax li l-attur naqas li jaghti x'informazzjoni lis-socjeta kjamata 'n kawza una volta gie mistoqsi ghal xi dokumentazzjoni, anzi pjuttost l-oppost, li huwa ta l-informazzjoni kollha rikjesta qabel m'iinharget il-*cover note*.

L-attur kellu kull ragun jahseb li huwa kien kopert ghall- *consequential loss* u dan ghaliex is-socjeta kjamata 'n kawza li kienet l-agent tas-socjeta konvenuta kienet harget il-*cover note* ghal tali polza u kienet ukoll assiguratu li kollox kien in regola. In oltre l-attur kien hallas l-*annual premium* ghas-sena mill-ewwel (l) ta' Novembru 1999 sal-wiehed (31) t'Otttubru 2000 fis-somma ta' LM605 u qatt ma gie mistoqsi sabiex jirrifondi tali ammont ta' flus imhallsa.

Jirrizulta ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti li l-attur talab lis-socjeta Hayes diversi drabi sabiex tinghatalu kopja tal-polza, izda d-Direttur taghha kif ammess minnu stess dejjem qallu li kienet ghadha qed tigi formulata qatt ma qallu li ma kienx kopert.

Interessanti wkoll li dan l-istess Direttur ighid li s-socjeta konvenuta gieli harget poloz li ma kienux generali, izda kienu specifici skond il-klijent w ghalhekk zgur li l-attur ma kellux ghalfejn jahseb li ma kienx kopert.

Jirrizulta bla dubbju ta xejn li s-socjeta kjamata 'n kawza harget il-*cover note* a bazi ta' polza fuq *consequential loss (motor) insurance* fuq talba tal-

attur u dan skond id-Direttur taghha Matthew Hayes wara li kien kkomunika mas-socjeta konvenuta. Hija is-socjeta konvenuta li semmai agixxiet in *mala fede* ghaliex meta irceviet il-*premium cover* ta’ din il-polza messha nvestigat din il-polza u mhux qabdet u accettat il-*premium*. Tant dan huwa minnu li abbazi ta l-istess polza l-attur ighid li ghamel xi *claims* ghad-danni li sofra f xi vetturi tieghu u gie kkumpensat w ghalhekk is-socjeta konvenuta kienet taf bl-esistenza ta’ din il-polza sa minn qabel ma saret il-*claim* relattiva.

Zgur li ma jistax jinghad li l-attur setgha kien f’posizjoni li awtorevolment ikun konsapevoli tal-hsibijiet li kellha s-socjeta konvenuta jew tat-tipi ta’ poloz li tohrog is-socjeta konvenuta ghaliex tali nformazzjoni ma tkunx a disposizzjoni tieghu.

Illi ma hemmx dubbju li l-agent li f’dan il-kaz hija s-socjeta Hayes Insurance Agency Limited, hi l-mandatarja tal-‘*proposer*’ li f’dan il-kaz is-socjeta konvenuta u mhux tal-attur.

Kif gie mfisser fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Lawrence Azzopardi et noe vs Joseph Muscat et noe et</u>** deciza fis-sebgha (7) t’Ottubru 1997:-

*“All matters related to the placing of insurance of whatever kind, the insurance broker is the agent of the assured and of the assured alone…if as a matter of convenience he (the insurance agent) fills the proposal for he is acting as agent for the proposer”* (**Charlesworth Mercantile Law 1984,0g 913 et seq**). U bhala agent “*l-atti kollha maghmulin minn rapprezentat ghall-Principal fil-limiti tas-setghat tieghu… igibu direttament l-effett favur jew kontra l-principal.*”

Illi ghalhekk m’hemmx dubbju li s-socjeta konvenuta hija responsabbli sabiex tonora l-kuntratt li kellha mal-attur.

Dwar l-eccezzjoni tas-socjeta kjamata in kawza u cioe li hija m'ghandiex relazzjoni guridika mal-attur din il-Qorti ma taqbilx.

Kif tajjeb osservat il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tgahha fl-ismijiet **Korporazzjoni ta l-Ilma et noe vs Emanuel Grixti** deciza nhar l-ghaxra (10) ta' Jannar 2007 b'relazzjoni guridika, wiehed necessarjament jifhem l-ezistenza ta' rapport bejn zewg partijiet in virtu ta' liema l-wiehed kreditur ghandu d-dritt jippretendi minghand l-iehor id-debitur li dan jissodisfa l-obbligazzjonijiet tieghu. Obbligazzjoni din li tista tkun wahda kemm *di dare* jew *di fare* jew *di non fare*. Tali rapport obbligatorju jista jkun wiehed f'sens dirett u jista jkun jkollu wkoll dimensjoni aktar wiesgha.

Issa f'dan il-kaz zgur li ma jistax jinghad li s-socjeta kjamata 'n kawza ma kellhiex relazzjoni guridika mal-attur meta kienet hi stess li harget il *cover note* li fuqu kellu jinhareg il-polza. In-negozzjati saru mill-attur w is-socjeta kjamata 'n kawza, pero bhala agent tas-socjeta konvenuta Middlesea Insurance plc.

Ghalhekk s-socjeta Hayes kienet qed tagixxi biss bhala mandatarja tal-mandanti taghha is-socjeta Middlesea Insurane li fuq negozjati maghha, harget il-*cover note* esebita.

Ghaldaqstant din l-ecezzjoni qed tigi michuda.

Dwar it-tieni eccezzjoni u cioe li l-attur ma jistax jivvanta danni naxxenti minn relazzjoni kontrattwali mas-socjeta konvenuta, din qed tigi milqugha, stante li in realta, hija s-socjeta konvenuta li hija responsabbli sabiex tghamel tajjeb ghad-danni sofferti mill-attur u dan pero b'riserva ghaliha li tikkjama tali danni minghand is-socjeta kjamata 'n kawza, jekk jidhrilha li hija naqset fil-konfront taghha.

> Illi dwar il-*quantum* tad-danni, ma jirrizultax li hemm xi kontestazzjoni u skond ix-xhieda tal-attur, huwa sofra danni f'*loss of use* fl-ammont ta' (LM 142.36 [Dok. MD 6]) + LM 1478.26 (Dok. MD 7) + LM1,603.55 (Dok. MD 8), b'kollox total ta' LM3224.17.
>
> Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tilqa t-talba attrici u tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta konvenuta u tichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta kjamata 'n kawza, pero tilqa it-tieni eccezzjoni taghha u tiddikjara li mhiex responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur, filwaqt li tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-attur is-somma likwidata ta' LM3224.17 ekwivalenti ghal sebat elef hames mija w ghaxar euros u tnejn u tletin euro centezmu (EURO 7510.32).
>
> Bl-imghaxx skond il-ligi mid-data tal-prezentata tal-avviz u l-ispejjez jithallsu kollha mis-socjeta konvenuta."

L-aggravju tas-socjeta` konvenuta kontra s-sentenza appellata huwa fis-sens illi l-ewwel Qorti naqset milli tezamina l-eccezzjoni taghha illi s-somma pretiza mill-attur fil-fazi pre-processwali kienet eccessiva.  B'dan l-ilment is-socjeta` konvenuta qeghda ticcensura dik il-parti motivazzjonali tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti affermat illi dwar il-*quantum* tad-danni ma jirrizultax li hemm xi kontestazzjoni;

Ghal dawk li huma l-fatti l-aktar saljenti fl-isfond ta' l-aggravju sottomess huwa kaptat mir-rizultanzi istruttorji dan li gej:-

1. Permezz ta' Cover Notes (fol. 28) mahruga minn Hayes Insurance Agency Limited, gja agenti tas-socjeta` assikuratrici konvenuta, il-flotta ta' seba' minibuses ta' l-attur giet b'dan id-dokument iggarantita kontra r-riskju ghall-"consequential loss".  B'din il-Cover

Note l-attur kien intitolat ghal “lukru cessanti” indennizzabbli ta’ telf ta’ profitti sa massimali assikurattiva ta’ Lm20,000 “*annual gross profit*”. Dan fl-event ta’ “*loss of use*” ta’ xi wahda minn dawk il-minibuses konsegwenti ghall-incident ta’ traffiku ghal liema x-xufier ta’ l-assikurat kien fi htija. Jinghad f’dan l-istess dokument illi kellu jkun hemm “*3 day excess on all claims*”;

2. Fis-sena 2002 tlieta minn dawk il-minibuses kienu involuti f’incidenti. Skond l-attur (fol. 25) kif korroborat mid-dokumenti rilaxxjati mill-KoptaCo Coaches Cooperatives (fol. 40, 42 u 44) il-minibus IMY 285 damet tissewwa jumejn (5 u 6 ta’ Ottubru, 2002), minibus IMY 272 mis-16 ta’ Mejju 2002 sad-29 ta’ Mejju 2002 u minibus HMY 165 mis-17 ta’ Mejju 2002 sad-29 ta’ Mejju, 2002. Invece skond is-socjeta` konvenuta in bazi ghar-rapport tas-*surveyor* il-granet li kellhom ikunu impjegati ghat-tiswija kienu erbgha, ghaxra u hdax-il gurnata rispettivament. Ara ittra taghha datata 3 ta’ Mejju 2003 a fol. 122;

3. L-attur ippretenda hlas ta’ indenniz fit-termini tal-Cover Note fl-ammont ta’ Lm3224.18. Is-socjeta` konvenuta ma qabletx ma’ dan u skond l-ittra fuq imsemmija offrietlu l-hlas ta’ Lm175.20 u, aktar ‘il quddiem, b’ittra ta’ l-24 ta’ Lulju, 2003 (fol. 133) is-somma ta’ Lm219.20;

Premessi dawn il-fatti fil-qosor, naturalment il-kwestjoni kellha tipprezenta anqas diffikolta li kieku l-partijiet, u l-aktar l-istess socjeta` konvenuta, ma ntilfux fuq il-kontestazzjoni dwar jekk l-istess socjeta` konvenuta kienetx obbligata b’dik il-“Cover Note” emess mill-agent taghha, is-socjeta` kjamata fil-kawza. Dan qed jinghad ghaliex wara kollox u ultimament, kif konfessat minn Patrick Muscat, Senior Executive Manager Claims mas-socjeta` konvenuta, torbot jew ma torbotx il-Cover Note, “ahna hassejna li l-obbligazzjoni versu Degabriele xorta kellna nonorawha u ghalhekk hrigna b’settlement ghall-kaz tal-Cover Note” (fol. 129);

Maghdud dan, f'tema ta' assikurazzjoni kontra r-riskju tax-xorta fil-Cover Note ikkontemplati, "la darba si tratta ta' '*consequential loss*' din *per se* tippostula danni li jikkawzawha, u cjoe danni fil-karozza, u allura jkun hemm dejjem lok ghall-hlas ta' kumpens ghal din il-kwalita ta' telf konsegwenzjali jekk jigi rikonoxxut dovut meta u ghax ikun hemm hsara fil-karozza". Ara "**Frank Attard -vs- Joseph Caruana Montaldo *nomine***", Appell Kummercjali, 14 ta' Dicembru, 1973;

Dan ipprecizat, u ammess ukoll illi l-kumpanija konvenuta kellha kull ragun tressaq lanjanza fil-konfront tas-sentenza appellata, attiz il-provi inkonfutabbli li jemergu mill-atti tal-process skond l-esposizzjoni fuq maghmula, forsi l-kwestjoni l-aktar fundamentali li tirrikjedi soluzzjoni tirrigwarda l-metodu ta' komputazzjoni ghal fini tad-determinazzjoni ta' l-indennizz ghal "*consequential loss*" ghal liema kien intitolat l-attur appellat in bazi ghall-"Cover Note";

Skond id-duttrina prevalenti f'tema ta' "<u>*consequential loss*</u>" hu ritenut illi "*in fixing the amount payable, the insurers will have regard to the average daily earnings produced by the insured aircraft* (u dan japplika ugwalment ghall-vetturi)*, together with the operation expenses incurred in connection with the use of such aircraft, and a simple amount per day will be agreed upon. On the occurrence of an accident, the insured becomes entitled to the agreed amount for each day in respect of which the aircraft cannot be utilised. The insured is not required to prove the actual loss of use or consequential loss suffered as a result of the aircraft being laid-up. Most policies will stipulate a maximum amount payable in respect of any one aircraft during the period of insurance ... The policy is frequently made subject to an excess in the form of an exclusion to the effect that the insurers shall not be liable to make any payment to the insured in respect of a stated period immediately following the accidental damage of the insured aircraft. This period is known as the "excess*

*period" and is specified in the schedule to the policy"*. Ara "**Aviation Insurance**", **R. D. Margo**, Ed. Butterworths, 1980, pagna 103.

Tradott dan ghall-fattispeci, ukoll jekk din il-Qorti kellha taccetta bhala punt ta' tluq l-aktar vantagguz dak sottomess mill-attur dwar kemm granet damu biex jissewwew it-tliet minibuses involuti f'incidenti stradali dan igib, fil-parametri tal-Cover Note, il-kalkolazzjoni segwenti:-

1. B'kopertura ta' massimali ta' Lm20,000 *annual gross profit* ghas-seba' minibuses, kull wahda minn dawn kellha tirregistra bhal profitt gross Lm2857 fis-sena (Lm20,000 ÷ 7)

2. Li kieku ghall-grazzja ta' l-argoment il-minibus kienet topera kull jum, tali jaghti rata ta' gross profit ta' Lm7.82 ghal kull gurnata (Lm2857 ÷ 365). Invece s-socjeta` assikuratrici appellanti kkonsidrat illi jekk dik il-minibus kellha tkun qed topera fuq bazi ta' erbat ijiem id-"daily gross profit taghha" kien jitla ghal Lm13.70 (Lm2857 ÷ 209). Ara ittra taghha ta' l-24 ta' Lulju, 2003 (fol. 133). Irid jinghad li precedentement ghal din kienet ikkalkolathom fuq firxa ta' hamest ijiem u f'dan il-kaz il-gross profit *per diem* kien ta' Lm10.95 (Lm2857 ÷ 261). Ara dokument a fol. 122;

3. Tenut rigward ta' l-*excess period* ta' tlett ijiem dan ifisser, dejjem accettanti x-xhieda ta' l-attur, kif korroborata mid-dokumenti a fol. 40, 42 u 44 illi (i) fuq l-ewwel minibus (IMY 285) ma kien hemm ebda *consequential loss* gjaladarba t-tiswija taghha damet biss jumejn; (ii) fuq minibus (IMY 272) kien hemm dovut hlas ghall-ghaxart ijiem (13 – 3); u (iii) fuq l-ahhar minibus HMY 165 il-perijodu kellu jkun ta' disat ijiem (12 – 3). Komplessivament allura dsatax-il (19) gurnata. Dan jiddifferenzja mill-konstatazzjoni tas-socjeta` appellanti bazata fuq is-*survey* (16-il gurnata) bi tlett ijiem, u dan hu fil-fehma tal-Qorti *de minimis*;

4. Fuq l-istregwa ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet, u li ghandhom ir-riflessjoni taghhom fl-interpretazzjoni korretta tal-Cover Note u dik ta’ l-esposizzjoni dottrinali fuq riportata, l-ammont misthoqq bhala dovut lill-attur ghandu jkun Lm260.30 (Lm13.70 x 19-il jum);

Irid jinghad illi fis-sistema Taljan, tnehhi xi vuci dissenzjenti (ara **Bottaro**, “**Assicurazione**”, Enc, D. 482), id-debitu ta’ l-assikuratur hu, skond il-gurisprudenza prevalenti, meqjus bhala debitu “*di valore*” u mhux “*di valuta*”. Li jfisser illi l-assikuratur ghandu jhallas l-indennita determinata in relazzjoni ghall-mument tas-sinistru, kif pero` suggetta ghal rivalutazzjoni monetarja fil-mument tal-likwidazzjoni, tenut qies, anke f’dan il-limitu, li l-iskop ahhari ghandu jkun dak tar-re-integrazzjoni tal-patrimonju ta’ l-assikurat ghall-pregudizzju soffert. Sa recentement din id-distinzjoni bejn iz-zewg xorta ta’ debiti giet applikata mill-Qorti Civili, Prim’ Awla, per Imhallef Joseph R. Micallef, fid-decizjoni fl-ismijiet “**Maria Concetta Portelli -vs- Sant & Gauci Limited *et***”, 23 ta’ Frar, 2010, anke jekk f’dak il-kaz trattasi ta’ azzjoni estimatorja, il-Qorti, wisq korrettement, tendiet versu l-applikazzjoni ta’ l-obbligazzjoni “*di valuta*”. Trattasi li hawnhekk, kif intqal, l-obbligazzjoni hi wahda “*di valore*”, u attiz illi gja ghaddew tmien (8) snin minn meta l-attur appellat kien intitolat ghall-hlas in forza tal-Cover Note huwa xieraq illi l-ammont hawn fuq stabbilit ta’ Lm260.30 jigi *ope iudicis* rivalutat, b’adegwament u in relazzjoni ghall-evidenti zvalutazzjoni ghal Lm310. Il-Qorti waslet ghal din il-figura bl-adoperu ta’ l-indici ta’ l-inflazzjoni.

Ghal motivi predetti din il-Qorti qed tilqa’ l-appell, tvarja s-sentenza appellata fis-sens illi s-socjeta` assikuratrici appellanti ghandha thallas lill-attur ghall-*consequential loss* is-somma ta’ tliet mija u ghaxar liri (Lm310) ossija seba’ mija tnejn u ghoxirn euro u hdax-il centezmu (€722.11) flimkien ma’ l-interessi dekorribbli mid-data ta’ din is-sentenza. Fic-cirkustanzi, l-ispejjez taz-zewg istanzi ghandhom jitbatew kwantu ghal erba’ kwinti (4/5) mill-

appellat u kwinta parti (1/5) mis-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------